**A.L. 436 ta' l-2007**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (KAP. 449)

### Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw (Nru. 3) ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw (Nru. 3) ir-Regolamenti dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, hawn aktar 'il quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 483 ta' l-2004.

Skop u bidu fis-seħħ.

**2.** Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/142/KE tat-22 ta' Diċembru, 2006. Mit-23 ta' Diċembru, 2008, bejgħ ta' ikel li ma jkunx skond din id-Direttiva għandu jkun ipprojbit. Madankollu, bejgħ ta' ikel li ma jkunx skond din id-Direttiva u li jkun lest bit-tikketta qabel din id-data għandu jiġi awtorizzat sakemm jispiċċa l-istokk.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**3.** F'Parti B tat-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiddaħħal dan li ġej:-

'Lupin u prodotti li ġejjin minnu

Molluski u prodotti li ġejjin minnu'.

**L.N. 436 of 2007**

## FOOD SAFETY ACT
## (CAP. 449)

### Labelling, Presentation and Advertising of Foodstuffs (Amendment) (No. 3) Regulations, 2007

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:–

Citation.

L.N. 483 of 2004.

**1.** The title of these regulations is the Labelling, Presentation and Advertising of Foodstuffs (Amendment) (No. 3) Regulations, 2007, and they shall be read and construed as one with the Labelling, Presentation and Advertising of Foodstuffs Regulations, 2004, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Scope and commencement.

**2.** These regulations implement the provisions of Commission Directive 2006/142/EC of 22nd December, 2006. As from 23rd December, 2008, the sale of foodstuffs which fail to comply with this Directive shall be prohibited. However, the sale of foodstuffs which fail to comply with this Directive and which have been labelled prior to this date shall be authorised until stocks run out.

Amends the Third Schedule to the principal regulations.

**3.** For Part B of the Third Schedule to the principal regulations, the following shall be added:

'Lupin and products thereof

Molluscs and products thereof'.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz/*Price*
Lm0.04 (€0.09)